SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TNAX**

**12 ta' Lulju, 2010**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fis-5.45 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Joseph Agius u l-Kunsilliera Rita Saliba, Violet Bajada, Joan Farrugia, Marica Bayliss, David Dalli u Neville Mallia.

**SKUŻATI**

Il-Viċi Sindku Etienne Bonello DuPuis, il-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici u ċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Is-Sindku Joseph Agius ippresjeda.

Fil-bidu tal-laqgħa, l-Kunsillier David Dalli għamel stqarrija li persuna qed tagħmel alleggazzjonijiet fil-konfront tal-Membri tal-Kunsill li "qegħdin biex jakkwistaw il-flus" billi ntqal "inthom", fejn qal li hu lest li jieħu passi legali personali fil-konfront ta' din il-persuna.

Fuq proposta tal-Kunsillier Marica Bayliss, ssekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia, intalab sabiex il-Kunsillier Dalli jsemmi min hi din il-persuna sabiex tittieħed azzjoni legali fil-konfront tiegħu.

Il-Kunsillier David Dalli stqarr li mhux lest li jagħmel dan.

Fir-*ruling* tiegħu, is-Sindku qal li jekk dan iseħħ darb'oħra l-Kunsill jieħu passi legali, filwaqt li esprima s-solidarjeta' tiegħu mal-Membri kollha tal-Kunsill.

Fi tmiem id-diskussjoni, kien hemm qbil unanimu mill-Kunsill illi jittieħed parir legali mingħand l-Avukat tal-Kunsill dwar dan il-każ.

**12.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

12.1.1 Il-Kunsill kien mitlub jikkonsidra u japprova l-Minuti ta' Seduta numru 11 tas-27 ta' April, 2010.

12.1.2 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din l-emenda:

12.1.3 "Il-Kunsill jaqbel li fit-tieni paragrafu jitneħħa l-kliem "ma għandux kompjuter" u jidħlu "mhux *computer literate*."

12.1.4 Din l-emenda kienet issekondata mis-Sindku u għaddiet unanimament.

12.1.5 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

12.1.6 "*Il-Kunsill japprova l-Minuti tas-seduta numru tnax tas-27 ta' April, 2010, kif emendati.*"

12.1.7 Il-Kunsillier David Dalli ssekonda din il-mozzjoni li għaddiet unanimament.

12.1.8 Il-Kunsill kien mitlub jikkonsidra u japprova l-Minuti ta' Seduta numru 11 (kontinwazzjoni) tal-20 ta' Mejju, 2010.

12.1.9 Il-Kunsillier David Dalli ressaq din l-emenda:

12.1.10 "Il-Kunsill jaqbel li f'minuta 11.1.10 flok "daħal" tiġi taqra "telaq".

12.1.11 Din l-emenda kienet issekondata mis-Sindku u approvata unanimament.

12.1.12 Il-Kunsillier Neville Mallia ressaq din l-emenda:

12.1.13 “Il-Kunsill jaqbel li f’minuta 11.1.29 tiżdied "wara li ntalbet nofs siegħa estenzjoni fit-8.30 ta’ filgħaxija, il-ħin li kellha tispiċċa l-laqgħa, il-Kunsillier Neville Mallia qal li ma setgħax ikompli l-laqgħa u għalhekk fit-8.30 ta’ filgħaxija kellu jitlaq."

12.1.14 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u approvata unanimament.

12.1.15 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din l-emenda:

12.1.16 “Il-Kunsill jaqbel li f’minuta 11.1.32 minflok il-kelma "verbalment" tidħol "verament".”

12.1.17 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Neville Mallia u approvata unanimament.

12.1.18 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din l-emenda:

12.1.19 “Il-Kunsill qabel li f’minuta 11.1.60 jitħassru l-kliem "Mistoqsi mis-Sindku" u jidħlu "Il-Kunsillier Marica Bayliss sostniet li kull korrispondenza li tikkonċerna lil Kunsill tkun rekordjata fis-sistema tal-*mail*. Jekk is-Segretarju Eżekuttiv jew is-Sindku jiktbu lid-Direttur mill-*email* personali tagħhom kif jagħmlu dejjem anke lilna l-Kunsiliera, naturalment se jirċievu risposta fuq l-istess *email*. Dan ma jfissirx li tali risposta għandha bżonn tinżamm għalih personali".”

12.1.20 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u għaddiet b’sitt voti favur u wieħed kontra.

12.1.21 Il-Kunsillier Joan Farrugia ressqet din l-emenda:

12.1.22 “Il-Kunsill jaqbel li f’minuta 11.1.40 tiżdied "biex jintbagħtu *hard copy* lil Kunsillier Violet Bajada minħabba li ma għandiex aċċess għal kompjuter ma tkunx żvantaġġjata."

12.1.23 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Rita Saliba u għaddiet unanimament.

12.1.24 Il-Kunsillier Rita Saliba ressqet din il-emenda:

12.1.25 “Il-Kunsill jaqbel li f’minuta 11.1.43 minflok "mis-" jidħol l-artiklu "lis-".”

12.1.26 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Violet Bajada u approvata unanimament.

12.1.27 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

12.1.28 “*Il-Kunsill japprova l-Minuti tas-Seduta numru 11(kontinwazzjoni) tal-20 ta’ Mejju, 2010, kif emendati.*”

12.1.29 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Rita Saliba u approvata unanimament.

12.1.30 Il-Kunsill kien mitlub jikkonsidra u japprova l-Minuti ta’ Seduta numru 11 (kontinwazzjoni 2) tal-1 ta’ Ġunju, 2010.

12.1.31 Il-Kunsillier Neville Mallia ressaq din l-emenda:

12.1.32 “Il-Kunsill jaqbel li bejn minuta 11.2.3 u minuta 11.2.4 jidħol bħala 11.2.3a "Il-Kunsillier Neville Mallia staqsa għalfejn ġie l-Avukat meta l-Kunsill ma konna nafu b'xejn li għal din il-laqgħa kellu jiġi l-Avukat."”

12.1.33 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u approvata unanimament.

12.1.34 Is-Sindku ressaq din l-emenda:

12.1.35 “Il-Kunsill jaqbel li jidħol paragrafu ieħor 11.2.3b b’dan il-kliem : "Is-Sindku rrisponda lil Kunsillier Neville Mallia li peress li l-Avukat kien jinstab fil-Kunsill rigward xogħol ieħor konness mal-istess Kunsill informa lil Kunsill li l-iktar persuna idonja, jispjegalna hu aktar fid-dettal il-kwistjoni kollha."

12.1.36 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier David Dalli u għaddiet unanimament.

12.1.37 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din l-emenda:

12.1.38 Il-Kunsill jaqbel li f’minuta 11.2.1 jitneħħew il-kliem "għamel referenza" u jidħlu "rrisponda" u qabilha jidħol dan il-kliem "wara l-insistenza tal-Kunsillieri Joan Farrugia u Marica Bayliss kif ukoll tal-Kunsillier Neville Mallia, rigward li l-każ li l-Kunsill kellu fuq kont mhux imħallas li jammonta għal € 37,000, u li fuqu l-Kunsill għal sena sħiħa l-Kunsilliera qatt ma kienu nfurmati."”

12.1.39 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Neville Mallia u għaddiet unanimament.

12.1.40 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din l-emenda:

12.1.41 Il-Kunsill jaqbel li fil-bidu ta’ minuta 11.2.4 jidħlu dawn il-kliem "Il-Kunsillier Marica Bayliss f'dan l-istadju, ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsilliera u l-Avukat, li l-MEPA skont il-kuntratt iffirmat bejn l-istess MEPA u l-Kunsill, qabel il-

pagament finali riedu jsiru żewġ pagamenti oħra, li sal-lum, sena wara li ntemm ix-xogħol, għadhom ma ġewx mgħoddija lilna. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li hu kiteb u nsista kemm-il darba u baqa' bla risposta. Il-Kunsillier Marica Bayliss staqsiet ukoll lil Avukat jekk qatt waqt ix-xogħlijiet sarux spezzjonijiet u ċertifikazzjonijiet mill-Periti, kemm tal-Kunsill u tal-MEPA, kif speċifikat fil-kuntratt. L-Avukat wieġeb li fid-dokumentazzjoni ppreżentati lilu ma hemm l-ebda referenza għal spezzjonijiet jew ċertifikazzjonijiet."”

12.1.42 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Neville Mallia u għaddiet unanimament.

12.1.43 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din l-emenda:

12.1.44 Il-Kunsill jaqbel li wara minuta 11.2.5 jidħol dan il-paragrafu 11.2.5a: "Il-Kunsillier Marica Bayliss staqsiet jekk kienu għaddejjin dawn id-diskussjonijiet ma kienx perikoluż li l-Kunsill iġiegħel lil kuntrattur jiftħilna kawża? L-Avukat qalilna li hu ma kien qatt infurmat b'dan u kemm kien ilu li ssejjaħ fuq dan l-każ, erba xhur ilu qatt fil-preżenza tiegħu ma ntqal dan."”

12.1.45 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Neville Mallia u approvata unanimament.

12.1.46 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din l-emenda:

12.1.47 “Il-Kunsill jaqbel li wara minuta 11.2.7 jidħol paragrafu 11.2.7a li jgħid: "F'dan l-istadju il-Kunsllier Marica Bayliss riedet tkun taf min se jidħol responsabbli għal fatti, il-MEPA ma żammitx mal-kuntratt u l-Periti ma għamlux ix-xogħol mitlub minnhom u għaliex il-Kunsill ma ħax mill-ewwel parir legali."”

12.1.48 Din l-emenda kienet issekondata mis-Sindku u approvata unanimament.

12.1.49 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din l-emenda:

12.1.50 “Il-Kunsill jaqbel li f'minuta 11.2.8 bejn "dokumenti" u "fejn" jidħlu l-kliem: "qal li l-Kunsillieri għandhom ikunu infurmati b'dak kollu li jkun qed jiġri fil-Kunsill u jaraw id-dokumenti, hekk kif tgħid il-Liġi."”

12.1.51 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Neville Mallia u approvata unanimament.

12.1.52 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din l-emenda:

12.1.53 “Il-Kunsill jaqbel li f'minuta 11.2.13 bejn "ikkunsidra" u "li jiġu" jidħlu l-kliem: "żewġ ittri mibgħuta mill-Għaqda Mużikali Madonna ta' Lourdes u Għaqda

Festi Esterni Madonna ta’ Lourdes biex jiġu organiżżati attivitajiet b'kollaborazzjoni mal-Kunsill konnessi mal-festa"”.

12.1.54 Din l-emenda kienet issekondata mis-Sindku u approvata unanimament.

12.1.55 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din l-emenda:

12.1.56 “Il-Kunsill jaqbel li f’minuta 11.2.15 wara "sena" tidħol "ma’ San *Gwann Nursery*."”

12.1.57 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Neville Mallia u approvata unanimament.

12.1.58 Il-Kunsillier Violet Bajada ressqet din l-emenda:

12.1.59 “Il-Kunsill jaqbel li f’minuta 11.2.24 tiżdied fl-aħħar "u għandom jiġu mgħejjuna mill-Kunsill"

12.1.60 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Rita Saliba u għaddiet unanimament.

12.1.61 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din il-mozzjoni:

12.1.62 “*Il-Kunsill japprova l-Minuti tas-Seduta numru 11 (kontinwazzjoni 2) tal-1 ta’ Ġunju, 2010, kif emendati.*”

12.1.63 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u għaddiet unanimament.

12.1.64 Fuq proposta tas-Sindku, l-Kunsill unanimament qabel li jgħaddi għall-*item* numru għaxra fuq l-aġenda.

12.1.65 F’dan l-istadju saret mistoqsija lis-Sindku dwar x’wasslu biex biddel id-data tal-laqgħa tal-lum li kienet oriġinarjament imsejħa għal 5 ta’ Lulju, 2010 u li din bi ksur tal-liġi.

12.1.66 Is-Sindku qal li kellu appuntament personali u għalhekk ma kienx possibli li jattendi peress li kien se jkun indispost dik il-ġimgħa kollha u li bi żvista ma nfurmax b’dan.

## 12.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Skeda ta’ Pagamenti

12.10.1 Il-Kunsill kien mitlub jikkunsidra u japprova l-iskedi ta’ Pagament numru 23 u 24, li jinsabu annessi bħala dokumenti “12A” u “12B”.

12.10.2 Saret diskussjoni dwar kontijiet pendenti li kien hemm mal-kumpanija *GO* li kien wasslu biex linja tat-telefon *cordless* li jintuża għall-bżonnijiet tal-Kunsillier twaqfet il-linja għat-telefonati ċellulari, fejn is-Segretarju Eżekuttiv semma li l-aħħar kont li kien approvat mill-Kunsill kien ta' Jannar, 2010 u li s-sitwazzjoni kienet rimedjata wara li saru l-ħlasijiet kollha relattivi**, "wara pressjoni li għamel il-Kunsilier Neville Mallia biex nirregoliżżaw ruħna."**

**Emendata Laqgħa 14 kontiwazzjoni 1**

12.10.3 Saret ukoll diskussjoni dwar diversi kontijiet pendenti fid-dawl tal-kontijiet pendenti li għandu l-Kunsill, ~~**fejn is-Segretarju Eżekuttiv kien mitlub li jinħarġu l-kontijiet pendenti kollha,**~~ fejn is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsill li dan isir skond il-*cash flow* kif ukoll li seħħew ċirkostanzi oħra jdumu ma' jinħarġu peress li l-Kunsill jaġġorna l-laqgħat mingħajr l-approvazzjoni tal-pagamenti, fejn bħala eżempju semma' li l-aħħar skeda li kienet maħruġa mal-aġenda tmur lura għal dik datata fis-27 ta' April, 2010.

**Emendata Laqgħa 14 kontiwazzjoni 1**

12.10.4 Il-Kunsillier Neville Mallia talab sabiex possibliment sa tmiem din il-ġimgħa jingħata kopja tal-pagamenti kollha approvati mill-Kunsill u mhux imħallsa s'issa.

12.10.5 Saret diskussjoni dwar il-*qualification allowance* li jieħu s-Segretarju Eżekuttiv, fejn kien iċċarat li din hi skont ir-Regolamenti tar-Riżorsi Umani kif ukoll parti mill-benefiċċji tal-Uffiċjali Pubbliċi.

12.10.6 Fuq proposta tas-Sindku, ssekondat mill-Kunsillier Joan Farrugia kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa tiġi estiża sabiex jintemm dan l-*item* fuq l-aġenda.

12.10.7 Saret diskussjoni dwar l-iskeda ta' pagamenti numru 24, fejn kien hemm qbil unanimu li pagament numru 16 dovut lil *MITA* ma jitħallasx, kien diskuss il-pagament dovut lil *Wasteserv* u li saret laqgħa ma' *GreenMT* sabiex jiġi konkluż ir-rapport mwiegħed minnhom u li pagament numru 22(3) ma jitħallasx.

12.10.8 Il-Kunsillier David Dalli kien skużat mil-laqgħa f'dan l-istadju. (9.05pm)

12.10.9 Kien diskuss ukoll pagament numru 32 fejn kien ippreċiżat li saru xogħlijiet ta' marki tat-traffiku kif ordnat minn *Transport Malta* quddiem *Child Care Centre*, fejn kien hemm qbil li dan il-pagament jiġi miżmum sakemm issir verifika mill-Kunsilliera Marica Bayliss u Neville Mallia.

12.10.10 Kien hemm ukoll qbil unanimu li pagament numru 54 dovut lil *Zararti* ma jitħallasx.

12.10.11 Il-Kunsillier Rita Saliba kienet skużata mil-laqgħa f'dan l-istadju. (9.10pm)

12.10.12 Kienet diskussa ittra mibgħuta mill-kuntrattur *Sammy Borg Enterprises Limited* dwar l-ammont ta' skips taħt il-kuntratt, fejn is-Sindku semma li se jiltaqa' miegħu, liema ittra hi anessa ma' dawn il-minuti bħala dokument "12C", fejn kien imsemmi li **~~l-~~**Kunsillier **~~Rita Saliba~~** "ta~~t~~ ħasla lil kuntrattur quddiem *Pinto Confectionery*" dwar tneħħija ta' skip fi Triq il-Ħawħa.

**Emendata Laqgħa 14 kontinwazzjoni 1**

12.10.13 Wara diskussjoni dwar is-sistema tal-ordnijiet ta' bdil tal-lanterni peress li ġie msemmi li din qed iddum wisq peress li qed jintalbu kwotazzjonijiet qabel issir l-ordni tax-xogħol, kien hemm qbil unanimu li dawn jibdew isiru mill-ewwel peress li minn każi riċenti l-unika differenza kienet dik fir-rigward tat-tul tal-*wire* sabiex din tiġi nstallata.

12.10.14 Kien approvat li tiġi mibdula lanterna fi Triq ir-Rand.

12.10.15 Il-Kunsill kien infurmat bil-proċess li jiġu trattati l-ħlasijiet u/jew t-*time-in-lieu* b'relevanza mal-ħaddiema ssekondata mal-Kunsill, fejn ingħatat spjegazzjoni li ftehim dwar dawn isir bejn il-Kunsill u l-impjegat ikkonċernat.

12.10.16 Il-Kunsillier Neville Mallia semma l-analiżi li għamel fuq l-infieq tal-*Petty Cash* fejn kien allega li qed isir "abbuż" mill-infieq tal-ospitalita', fejn is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsill li ser iħejji rapport dwar din l-allegazzjoni.

12.10.17 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din il-mozzjoni:

12.10.18 "*Il-Kunsill japprova l-iskedi ta' pagamenti kif emendati*."

12.10.19 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Neville Mallia u approvata unanimament.

12.10.20 Fid-9.30pm, is-Sindku aġġorna s-seduta għal nhar it-Tnejn 19 ta' Lulju, 2010.

Konfermati, illum **1 ta' Novembru** ~~Awissu~~, 2010

| | |
|---|---|
| ~~Joseph Agius~~ **David Dalli** * | Adrian Mifsud |
| ~~Sindku~~ **Viċi Sindku** | Segretarju Eżekuttiv |

*(peress li s-Sindku kien skużat fil-laqgħa numru 14 (kont. 1) tal-1 ta' Novembru, 2010)